# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  1130/96 M1 NA**

**Sharon Spiteri**

**vs**

**Edgar Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fl-10 ta' April 1996 quddiem din il-Qorti, diversament presejduta, fejn ippremettiet:

"Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fl-14 ta' Awissu 1992 (Dokument "A");

Illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti twieldu zewg ulied Jade u Darren, it-tnejn ghadhom minuri (Dokument "B" u Dokument "C");

Illi l-hajja matrimonjali bejn l-attrici w il-konvenut saret impossibbli minhabba vjolenza, ingurji gravi, sevizji, minacci, inkompatibbilita' ta' karattru da parti tal-konvenut;

Illi l-attrici ottjeniet il-permess tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili sabiex tghaddi ghas-separazzjoni personali minn zewgha konvenut u inghatat il-kustodja temporanja ta' uliedha minuri 'l fuq imsemmija, kif jidher mill-anness digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili bid-data tal-10 ta' Ottubru 1995 (Dokument "D");

Illi l-attrici m'ghandhiex mezzi sabiex tghix hi u tghajjex liz-zewg uliedha minuri;

Illi l-attrici w uliedha jghixu fid-dar matrimonjali u cioe' Block 2, No: 4, St. Philip Street, Birgu w il-konvenut ghandu akkomodazzjoni alternattiva;

TALBET li din il-Qorti:-

1. tippronunzja s-separazzjoni personali ta' l-attrici minn mal-konvenut;

2. takkorda lill-attrici l-kustodja ta’ wliedha minuri Jade u Darren;

3. takkorda lill-attrici u lill-uliedha dak il-manteniment xieraq skond il-bzonnijiet taghhom kif inhu gust fic-cirkostanzi;

4. tawtorizza lill-attrici u lill-uliedha jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali u cioe' Block 2, No: 4, St. Philip Street, Birgu b'eskluzjoni tal-konvenut mill-istess dar;

5. tordna l-likwidazzjoni w il-qsim tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti f'ishma ndaqs bejniethom;

6. tawtorizza lill-attrici tirriprendi l-proprjeta' parafernali taghha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi dawk quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u bil-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnha esibiti in sostenn tat-talbiet taghha.

Il-konvenut dam ma gie notifikat u finalment gie notifikat biss permezz ta' l-affissjoni w il-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.  Huwa ma pprezentax nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk waqa' kontumaci.  Il-konvenut imsejjah diversi drabi ma deherx fl-ewwel seduta li fiha kienet giet appuntata l-kawza kif ma deher qatt ghad-diversi seduti li saru quddiem il-Qorti minkejja illi hu kien zgur jaf bil-kawza peress illi fis-seduti tas-16 ta' Gunju u 24 ta' Settembru 1998 u f'dawk tat-12 ta' April u 6 ta' Mejju 1999 kien deher ghalih id-difensur tieghu.  Effettivament fis-seduta tas-16 ta' Gunju 1998 kien gie vverbalizzat:

> "*Meta ssejhet il-kawza, deher Dr. Toni Abela ghall-konvenut u nforma l-Qorti li meta saru d-debiti pubblikazzjonijiet u affissjoni, il-konvenut ma kienx prezenti f'dawn il-Gzejjer pero' kien imsiefer.*

*Hu kellu jipprezenta rikors f'dan is-sens.*"

Dan ir-rikors ma gie qatt ipprezentat u l-konvenut mhux biss qatt ma deher izda ma ha ebda pass biex jiggustifika u jissostanzja dak minnu allegat tramite d-difensur tieghu u ghalhekk il-Qorti rinforzata b'dan in-nuqqas totali ta' interess da parti tal-konvenut nonostante illi jirrizulta illi kien jaf bil-proceduri illi kienu mexjin kontra tieghu sejra tipprocedi fl-ghotja ta' din is-sentenza.

Fis-seduta tal-5 ta' Marzu 1998 il-Qorti kienet innominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Monica Borg Galea biex tigbor il-provi. Hija zammet seduta fl-1 ta' Ottubru 1998 fejn xehdet l-attrici (hija kienet gia' pprezentat ix-xhieda taghha b'affidavit tat-13 ta' Frar 1998 li gie kkonfermat f'din is-seduta). Zammet diversi seduti ohra fejn ma sar xejn utili sakemm fis-seduta tal-15 ta' Novembru 1999 regghet xehdet l-attrici. B'nota tat-23 ta' Frar 2000 finalment hija pprezentat zewg affidavits ta' ommha u ta' missierha Tereza u Spiridione Galea. Hija kienet ga' ddikjarat quddiem l-Assistenta Gudizzjarja illi hlief ghal dawn l-affidavits ma kellhiex provi ohra. F'dawn ic-cirkostanzi l-kawza kienet giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-20 ta' Ottubru 2000.

B'rikors pero' tad-9 ta' Ottubru 2000 il-konvenut taht il-firma ta' Dr. Toni Abela, (li kien irrinunzja ghal patrocinju tieghu fis-seduta tas-6 ta' Mejju 1999!) talab lill-Qorti biex tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza peress illi kien hemm "possibbilita' tajba li jintlahaq ftehim bejn il-kontendenti fis-sens li ssir separazzjoni bonarja" u biex "taghtih okkazzjoni wahda ghal dan l-iskop". Huwa pero' lanqas deher ghas-seduta tal-20 ta' Novembru 2000 fejn dehret biss l-attrici li nfurmat lill-Qorti li dan ma kienx minnu. In vista ta' dan il-Qoti ma tara li ghandu jkun hemm ebda ostakolu biex is-sentenza tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi li tressqu jirrizulta li dan iz-zwieg infelici beda fuq nota hazina peress illi l-attrici spiccat izzewget lill-konvenut ghax kienet tqila b'tarbija minnu meta kellha biss 19-il sena u wara illi kienet ilha tohrog mal-konvenut ghal biss tlett xhur. Izzewget fuq insistenza tal-genituri taghha u ghall-ebda raguni ohra. Zewgha baqa' jghix ta' guvni sa mill-gurnata tat-tieg u, tista' tghid, abbanduna lill-martu w iz-zewgt itfal ghal kollox. Il-koppja ilhom *de facto* separati sa mill-1994. Kuntatt bejn il-partijiet u tal-missier ma tfal ma hemm kwazi xejn hlief li, skond l-attrici, fl-1999 mar jara lit-tfal darbtejn. Hija ma ssibx

diffikulta' illi jkun hemm access ghalih. Il-Qorti pero' fic-cirkostanzi kollha tal-kaz sejra thalli f'idejha f'dan l-istadju sakemm ma jkollhiex talba specifika mill-konvenut fir-rigward. Alimenti ma jaghtiha xejn pero' hija ma gabet ebda prova illi huwa kien qed jahdem u bejn wiehed u iehor x'kien l-introjtu tieghu u ghalhekk dwar dan il-Qorti ma tistax tipprovdi. Id-dar fejn qed tghix (li mhuwiex precizament l-indirizz indikat fic-citazzjoni - dan pero' huwa dettal ta' rilevanza tant minima fil-kaz odjern li l-Qorti sejra, nonostante, tipprovdi f'dan ir-rigward) akkwistatha hija minn ghand il-Gvern pero' xorta titqies bhala d-dar matrimonjali. L-attrici xehdet aktar minn darba illi ma kien hemm l-ebda assi fil-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk ma kienx hemm x'jigi likwidat. Il-Qorti sejra tinterpreta l-hames talba biex tinkludi wkoll fiha t-terminazzjoni tar-regim tal-komunjoni ta' l-akkwisti bhala wiehed mill-effetti tas-separazzjoni personali.

Gha-ragunijiet kollha fuq moghtija u fin-nuqqas ta' ebda prova mill-konvenut biex jirribatti l-provi attrici din il-kawza hija deciza billi l-Qorti:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali ta' l-attrici minn mal-konvenut u dana ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut;

2. takkorda lill-attrici l-kura u kustodja ta' wliedha minuri Jade u Darren u tirrizerva li tipprovdi dwar access favur il-konvenut fi stadju ulterjuri f'kaz li jkollha talba f'dan is-sens;

3. ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija f'dan l-istadju tichad it-tielet talba;

4. tilqa' r-raba' talba u tawtorizza lill-attrici u lill-uliedha jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali u cioe' Flat 14, Block 3, Pjazzetta San Filippu, l-Birgu bl-eskluzjoni tal-konvenut mill-istess dar;

5. ukoll ghar-ragunijiet fuq moghtija tastieni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba hlief li tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn l-istess partijiet;

6. tichad is-sitt talba peress li fir-rigward l-attrici ma gabet ebda provi.

L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba huma a karigu tal-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.